31992D0489

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-5 ta' Ottubru 1992
fuq il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Jute u Prodotti tal-Jute, ta' l-1989

(92/489/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 113 u 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi, skond id-Deċiżjoni Nru 91/51/KEE [1], il-Komunità u l-Istati Membri tagħha iffirmaw il-Ftehim Internazzjonali dwar il-*Jute* u l-Prodotti tal-*Jute*, ta' l-1989, u, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, innotifikaw l-applikazzjoni provviżorja tiegħu pendenti l-konklużjoni tal-proċeduri interni rikjesti għall-approvazzjoni tiegħu;

Billi n-numru ta' gvernijiet u l-perċentwali ta' importazzjoni netta speċifikata fl-Artikolu 40(1) għad-dħul fis-seħħ definittiv tal-Ftehim issa nqabeż;

Billi l-Istati Membri kollha indikaw ix-xewqa tagħhom li japprovaw il-Ftehim;

Billi l-Ftehim issa għandu jiġi approvat u l-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom, jaġixxu simultanjament, jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bl-approvazzjoni tagħhom tal-Ftehim,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-*Jute* u l-Prodotti tal-*Jute*, ta' l-1989, hu b' dan approvat għan-nom tal-Komunità.

Billi jaġixxu simultanjament, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom, malli jintemmu r-rekwiżiti tal-proċeduri interni, jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bl-approvazzjoni tagħhom, bħala importaturi, tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-*Jute* u l-Prodotti tal-*Jute*, ta' l-1989, skond l-Artikolu 37 tiegħu.

It-test tal-Ftehim hu anness mad-Deċiżjoni 91/51/KEE.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat biex jinnomina l-persuni li jkollhom is-setgħa jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni għan-nom tal-Komunità.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ottubru 1992.

F'isem il-Kunsill

Il-President

T. GAREL-JONES

[1] ĠU L 29, ta' l-4.2.1991, p. 1.